MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2010

Citazzjoni Numru. 69/2005

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet izzewgu fis-6 ta' April 1997, u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal; li huma ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fis-27 ta' Novembru 2004; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-ligijiet ta' Malta; ghalhekk qed jitlob li dan iz-zwieg jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi; bl-ispejjez;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenuta ddikjarat il-qbil taghha li hemm ragunijiet sufficjenti fil-ligi biex iz-zwieg jigi dikjarat null u bla ebda effett, ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati;

Semghet lill-partijiet bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fis-6 ta' April 1997 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citata.

Minn naha taghha l-konvenuta taderixxi ma' din it-talba, izda tikkontesta l-parti dwar il-htija.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fis-6 ta' April 1997 meta allura l-attur kellu 28 sena, u l-konvenuta kellha 22 sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien sentejn.

Wara konvivenza ta' circa seba' [7] snin il-partijiet isseparaw de facto, u fis-27 ta' Novembru 2004 iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

*Verzjoni Attur*
L-attur jispjega li l-problemi li l-partijiet irriskontraw fiz-zwieg kienu diga' apparenti fiz-zmien tan-namur. Jghid li huma kellhom lifestyle differenti, ghax, filwaqt li hu kien ihobb joqghod id-dar, wara li jkun mar ghax-xoghol u anke ghall-isports, il-konvenuta, allura gharusa tieghu kienet thobb tohrog u kienet ukoll tinsisti li johorgu flimkien mal-hbieb, tant li anke f' dak il-perijodu ftit kienu l-okkazzjonijiet li fihom kienu johorgu wahedhom.

Wara ftit li beda johrog mal-konvenuta, dina bdiet tissikkah biex jizzewgu peress li kellha l-inkwiet fid-dar tal-

genituri taghha.  Hija kienet f’ litigju kontinwu ma’ ommha li kienet tissikkaha, tant li kien hemm okkazzjoni li fiha konvenuta ssuggeriet li jikkoabitaw, basta titlaq mid-dar tal-genituri taghha.  Minn naha tieghu l-attur ma kienx dispost li jizzewweg malajr, anke peress li kien jara li l-konvenuta, li allura kellha 19-il sena, kienet ghadha mmatura.

Illi eventwalment ceda ghall-pressjoni, u l-partijiet izzewgu.  Jghid li l-problemi fiz-zwieg bdew mal-ewwel, stante li l-lifestyle tal-konvenuta, mhux talli ma tibiddilx, izda aggrava fis-sens li dina kienet thossha libera li taghmel li trid.  L-akbar problema kien il-hrug tal-konvenuta, li kienet ta’ spiss tohrog waheda ma’ shabha, uhud single, u gieghli wkoll marret Ghawdex maghhom;  u dan kontra x-xewqa ta’ l-attur, allura r-ragel taghha. Jghid: “riedet il-hin kollu tohrog ma’ shabha, il-hin kollu nohorgu separati, qisna konna ghadna aghar minn meta konna gharajjes, flok inqattghu l-hin flimkien…. tohrog wahedha, ma’ shabha ”[1];  filwaqt li lilu kienet tghidlu li kien “old fashioned.”

Konsengwenza ta’ dan, wara sena miz-zwieg, il-konvenuta telqet mid-dar konjugali u marret tghix waheda, izda wara xaharejn l-affarijiet ikkalmaw u regghet lura fid-dar konjugali.

Illi l-problemi eskalaw, u pprecipitaw, meta l-konvenuta kienet bdiet turi bic-car, minn ghemila, li hi ma riditx tfal fiz-zwieg.  L-attur jghid li, inizjalment huma kienu ftehmu li jhallu perijodu ta’ sentejn jghaddi fiz-zwieg, qabel ma jibdew jipprovaw ghat-tfal; izda meta wara tlett snin, hu beda jissikka lill-konvenuta biex l-att taz-zwieg ihalluh miftuh ghat-tfal, hija kienet toggezzjoni billi ssib skuza wara l-ohra: l-ewwel ghax kienet ghadha zghira, imbaghad ghad kienet tbati mill-geblua, u eventwalment ghax xtaqet li terga’ tibda tistudja. Ghalhekk l-att taz-zwieg bejn il-partijiet dejjem sar bi prekawzzjoni.

[1] Dep.- fol.47

Illi meta rrizulta car li l-konvenuta ma riditx tfal fiz-zwieg, l-affarijiet ipprecipitaw u l-konvenuta telqet mid-dar konjugali.

*Verzjoni Konvenuta*
Il-konvenuta tikkorrobora l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attur.

Hija tispjega kemm kienet imdejqa u ssikkata tghix fid-dar tal-ġenituri taghha "kelli relazzjoni stifling hafna, ma kelli liberta' ta' xejn, lanqas fil-kamra tieghi … kienet insapportabbli s-sitwazzjoni … kont inkun irrid naghmel hafna affarijiet li kienu qed jaghmlu shabi dak iz-zmien, izda ma stajtx."[2]

Dwar ir-relazzjoni ma' l-attur tghid li "Meta ghadda certu zmien, u speci ngbidt lejh, jiena I saw it as a very good idea li nizzewweg biex ikolli l-liberta',ikolli d-dar tieghi, ikolli l-hin tieghi"[3] Dak iz-zmien il-konvenuta li kellha 19-il sena, bdiet taghmel pressjoni fuq l-attur sabiex jizzewgu.

Tghid li ma kinitx tahseb fuq il-fatt li meta tizzewweg kienet ser tkun ristretta wkoll; "jien hsibt li ser nidhol f' certu liberta' li ma kellix."[4]

Hija tikkonferma dak li qal l-attur dwar il-hrug taghha, u anke dwar il-fatt li wara li kienet tispicca mix-xoghol ghal xi 1.00am meta kienet tkun bix-xift, hija kienet tibqa' sa' 4.00am ma shabha, minflok tmur id-dar. Dan ukoll kien sors ta' inkwiet kontinwu bejn il-partijiet, u ghalhekk kienet izjed titrattjeni milli tmur id-dar fejn kienet issib lill-attur irrabbjat ghaliha.

Illi rigward il-punt tat-tfal, il-konvenuta tghid li deep down hi qatt ma kellha l-intenzjoni li jkollha tfal fiz-zwieg, tghid: "Iilu qatt ma ghidtlu, pero' qatt ma ridt li jkolli familja."[5]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

---

[2] Dep. fol.61
[3] Dep. fol.62
[4] Dep. fol.64
[5] Dep. fol.68

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta manifest li, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, il-konvenuta, minhabba l-vizjoni taghha taz-zwieg ma' l-attur, kienet inkapaci li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali ghall-hajja matrimonjali, naxxenti minn unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied.

Il-komportament tal-konvenuta, kemm qabel iz-zwieg, kif ukoll, u b' aktar emfazi wara z-zwieg, kien ta' ostakolu serju u qawwi ghall-partijiet li jghixu l-hajja matrimonjali f' komunjoni ta' mhabba u hajja.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt, u fid-dritt fit-termini tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, liema *caput nullitatis* jikkonfigura biss fil-konfront tal-konvenuta.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara bhala null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-6 ta' April 1997.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------